10 ta' Ottubru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Michele Tabone et. versus Emmanuele Sammut ne.**

**Rinunzja — Espressa jew Taċita.**

*Rinunzja espressa għal dritt hemm bżonn li tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi, u mhux minn espressjonijiet ġeneriċi.*

*Barra minn dan, biex dik ir-rinunzja tkun effikaċi, trid issir minn min għandu d-disponibilità tad-dritt jew ħaġa rinunzjata; b'mod li min jagħmel ir-rinunzja jista' jirrinunzja biss għal dak li jmiss lilu, u mhux ukoll għal dak li hu ta' ħadd ieħor.*

*Rinunzja taċita għandha tiġi nterpretata tant restrittivament, illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tiġi desunta ma tkunx tista' tinġibed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bżonn li din tirriżulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu neċessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tiegħu.*

*In kwantu għall-eżami dwar in-natura ta' l-att u l-effikaċja tiegħu biex jopera r-rinunzja, dan l-eżami huwa rimess għall-apprezzament tal-ġudikant, li għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li fihom ġie kompjut l-att.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni, billi għaddew iżjed minn tliet snin minn mindu l-infraskritt titolu seta' jiġi eżegwit, u stante l-mewt tad-debitur Giuseppe Sammut, talbu illi jiġu awtorizzati jipproċedu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fis-27 ta' Frar 1915 fl-ismijiet "Rosina vedova di Giuseppe Tabone et. vs. Giuseppe Sammut" (Dok. A), biex ikunu jistgħu jiġu soddisfatti għal kreditu tagħhom għal kapital, spejjeż u lukri skaduti u mhux imħallsin. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Awissu 1949;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li b'sentenza ta' dina l-Qorti tas-27 ta' Frar 1915, fil-kawża fl-ismijiet "Tabone vs. Sammut", l-atturi, flimkien ma ommhom Rosina u ħuhom Giovanni, il-lum it-tnejn mejtin, bħala eredi ta' Giuseppe Tabone, ir-raġel ta' Rosina u missier l-atturi, ġew kanonizzati kredituri ta' Giuseppe Sammut............ Għall-ħlas ta' dawn l-imgħax u wkoll għall-kapital id-debitur kien ikkonsenja lill-atturi, kredituri tiegħu, il-fond iż-Żejtun............ li minnu l-istess debitur kellu n-nofs. Dan il-fond kien mikri............ Billi l-konvenut ħa lura l-post li mill-kera tiegħu l-atturi kienu qegħdin jitħallsu akkont tal-kreditu tagħhom, u billi huwa lanqas ħallas wara li ġie nterpellat uffiċjalment fit-22 ta' Lulju 1949, l-atturi ntavolaw din il-kawża;

Illi, in teżi ġenerali, il-konvenut nomine ma jopponix il-fatti kif miġjubin mill-atturi............ Imma l-pretensjoni tal-konvenut nomine hija prinċipalment bażata fuq dina ċ-ċirku-

stanza. Carmela u Concetta aħwa Sammut, tfal tad-debitur, darba, fis-sena 1944, kienu marru għand l-attur Michele Tabone biex jaraw jekk u x'kien baqgħalhom iħallsu, u Tabone qalilhom li mhux talli ma kellhomx jagħtuh, imma kienu ħallsu £7. 18. 0 iżjed, u kitbilhom il-karta fil-fol. 17 tal-proċess li minnha kien jidher dak il-bilanċ favur tagħhom, u li fiha ma kienx ġie meħud in konsiderazzjoni ebda ammont ta' imgħax. Huma rreklamaw dawk il-flus, imma Tabone ma riedx jagħtihomlhom; l-aħwa Sammut jgħidu li Tabone qatt ma semmielhom imgħax. Wara dak in-nhar li kellmuh Tabone ma kellimhomx aktar. Huma avżaw lill-inkwilini tal-post fuq imsemmi biex ma jħallsux aktar lil Tabone, u dan qatt ma rreklama aktar kera;

*Omissis*;

Illi—apparti wkoll jekk dik l-iskrittura ġietx miktuba minn Michele Tabone, kif jippretendu l-aħwa Sammut—il-kwistjoni li trid tiġi eżaminata hija jekk b'dik l-iskrittura u bid-diskors li l-aħwa Sammut jallegaw li qalilhom Michele Tabone, kienx hemm xi rinunzja da parti ta' dan għall-imgħax dovuti lilu u lil ħutu bis-sentenza fuq imsemmija minn għand il-konvenut nomine;

Ikkunsidrat;

*Omissis*;

Illi fil-kliem stess ta' l-aħwa Sammut ma jidherx li kien hemm żgur min-naħa ta' Michele Tabone xi rinunzja espressa għall-imgħaxijiet fuq imsemmijin. "La rinunzia ad un diritto, perchè si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non già da espressioni generiche" (Kummerċ 27. 4. 1933, 'Azzopardi Zammit vs. Formosa", Vol. XXVIII—III—1154). Issa l-aħwa Sammut xehdu (fol. 26) li meta huma talbu lil Michele Tabone biex ireġġgħalhom lura l-ammont ta' £7. 18. 0, li huma jippretendu li Tabone kien qalilhom li kienu ħallsu żejjed, dan qalilhom li ma riedx, għax kien jippretendi l-imgħax; u żied jgħidilhom li jekk kienu jippretendu xi ħaġa jipproċedu kontra tiegħu bil-Qorti..........;

Illi lanqas jidher li kien hemm rinunzja taċita min-naħa ta' Michele Tabone, li l-konvenut nomine jiddeduċiha millfatt li Tabone, wara d-diskors li kellu ma' l-aħwa Sammut, u dawn avżaw lill-inkwilini biex ma jkomplux iħallsu kera lil Ta-

bone, dan ma hax passi biex jinkassa dak il-kera. L-ewwelnett, għandu jiġi osservat li jekk Michele Tabone rrinunzja għall-imgħax, dan seta' jagħmlu biss għal dak li kien jirrigwarda lilu, u ma setx' qatt jippreġudika lil ommu u lil ħutu. "Qualunque rinuncia, per essere efficace, deve essere stata emessa da chi ha la disponibilità del diritto o della cosa rinunciata" (P.A. 28. 5. 1912 "Micallef vs. Albanese". Vol. XXI—II—486); u Michele Tabone ma setax jiddisponi ħlief mill-parti ta' l-imgħax li kienu jispettaw lilu; il-parti t'ommu u ta' ħutu ma kienux tiegħu, u kwindi ma setax jiddisponi minnhom, u hekk lanqas jirrinunzja għalihom. Issa Michele Tabone fisser kif u għaliex huwa ma eżiġiex il-kera tal-post fuq imsemmi wara li kellmuh l-aħwa Sammut. Huwa ġieħ id-dubju wara li dawn kellmuh—jiġifieri sa l-1949 huwa żgur li kien għadu ma rrinunzjax—u ried ikellem lil ħutu u lil ommu; imma ma kellimhomx. Huwa xtaq li dina l-ħaġa tiġi definita wara l-mewt ta' ommu, forsi biex ma jkunx hemm inkwiet. "Le rinunzie tacite si devono così strettamente interpretare che dai fatti onde si vogliono desumere non si possa trarre altra congettura che l'evidente proposito di rinunciare" (Qorti ta' Torin. 12. 5. 1871; Qorti ta' Ruma 25. 4. 1876; Qorti ta' Bologna. 13. 12. 1898). Il-fatt ta' Michele Tabone, kif fuq imfisser, ma jistax iġib għall-konklużjoni li huwa ried jirrinunzja. "Qualunque rinuncia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s'intenda rimesso quanto meno sia possibile" (P.A. 12. 10. 1840 "Sciberras vs. Giappone", Vol. 39/40, p. 278). "La rinunzia ad un diritto non si presume; e per potersi parlare di rinunzia tacita è necessario che la stessa risulti da un atto o complesso di atti che suppongono necessariamente nel rinunziante l'intenzione di abdicare il suo diritto. Occorre che detti atti siano univoci, per cui non si può parlare di rinuncia quando vi fosse dubbio ragionevole sull'animo del creditore, il quale si pretende abbia rinunciato ai suoi diritti" (P.A. 16. 1. 1933 "Galizia vs. Cassar Torreggiani", Vol. XXVIII—II—333). Fil-każ ta' Michele Tabone ma jidherx li kien hemm xi ħaġa li jissupponi neċessarjament li huwa ried jirrinunzja; u jekk hemm xi ħaġa, dina hija wisq dubbja;

Dina l-Qorti hija tal-fehma li fl-att magħmul minn Michele Tabone, u fiċ-ċirkustanzi li ġie magħmul, ma jidherx li kien

hemm, lanqas għal dak li jirrigwarda lilu, ir-rinunzja għall-imgħaxijet kif jippretendi l-konvenut *nomine*. "L'esame della natura dell'atto e la sua efficacia ad operare la rinuncia è rimesse all'apprezzamento dei tribunali, i quali devono ancora prendere in calcolo tutte le circostanze in cui l'atto fu eseguito, e che possono talora spiegare la sua efficacia" (P.A. 29. 5. 1933 "Zerafa vs. Consiglio", Vol. XXVIII—II—412);

Illi għalhekk il-pretensjoni tal-konvenut nomine ma tirriżultax sostnuta;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

*Tiddeċidi* adeżivament għat-talbiet attriċi; bl-ispejjeż.